# Il-Ħadd 14.12.2014

1. It-Tnejn 15/12 tibda n-Novena tal-Milied. Għaldaqstant ir-Rużarju jibda jkun fil-6:00pm u wara jkollna l-ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali. Tul il-jiem tan-Novena ser jitqiegħdu qfif fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex jgħin lill-persuni fil-bżonn.
   - It-Tnejn 15/12 mill-Grupp Kelma tal-Ħajja u Grupp Evanġelizzazzjoni.
   - It-Tlieta 16/12 mill-Abbatini.
   - L-Erbgħa 17/12 mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien.
   - Il-Ħamis 18/12 mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.
   - Il-Ġimgħa 19/12 mill-Kummissjoni Djakonija u Liturġija.
   - Is-Sibt 20/12 mis-Sorijiet Dumnikani u Kunsill Parrokkjali.
   - Il-Ħadd 21/12 il-quddiesa tat-8:15am tkun animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.<br>Filgħaxija mill-Kappillan u l-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv'.
   - It-Tnejn 22/12 mill-Letturi u l-Animaturi tal-Quddies
   - It-Tlieta 23/12 mill-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.

2. Tlieta 16/12:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 18/12:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 20/12:
   - Mill-5:00pm 'il quddiem ikollna l-Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.

5. Il-Ħadd 21/12, **ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm, il-Kappillan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv' biex permezz tal-mużika u l-kant tagħhom idaħħluna fl-ispirtu tal-Milied.

6. Avviżi oħra:
   - F'dawn il-jiem, il-ħsara tal-fanali fuq l-oqbra taċ-Ċimiterju ġiet irranaġata kollha. Biss jekk fadal xi diffikultà fuq dan l-aspett nitlobkom tinfurmawni. Għaldaqstant issa napprezzaw ukoll li min għadu ma tax il-kontribuzzjoni tiegħu għal din is-sena b'risq il-konsum tal-elettriku u tal-ilma jieħu ħsieb jagħmel dan ukoll.
   - Bħalissa qed jitqassam il-magażin 'Flimkien' ta' Diċembru, li fih ukoll il-programm għall-festi tal-Milied. Nittama li taqrawh, issibuh utli u tapprezzawh, anke għax lill-parroċċa jiġi jiswiha madwar € 920 fis-sena.
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja hemm min qed ibiegħ biljetti ta' lotterija li ser tittella' qrib il-Milied.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:<br>- € 310 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl;<br>- € 302 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;<br>- € 540 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.